MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 207/2004

**David Bugeja u Paolo u Suzanne mizzewgin Bugeja**

**Vs**

**Cars Limited (CI3622), Emarit developments Limited (C27902), Educational, Enterprises Limited (CI6015), Trio Investments Ltd (C30451)**
**flimkien u in solidum**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Peress illi b'kuntratt pubblikat min-Nutar Dottor Mark Coppini fid-19 ta' Dicembru, 2002 il-kumpaniji konvenuti Cars Limited (C13622), Emarit Developments Limited (C27902), Educational Enterprises Limited (C16015) u Trio Investments Ltd (C30451) xtraw ir-razzett numru 100 C Triq Ras il-Gebel, Zebbiegh, limiti ta' Mgarr, Malta, u l-gnien adjacenti (Dok "A "). Wara li waqqghu r-razzett, bdew jizviluppaw l-art kollha, liema art tmiss mal-fond u art ta' quddiemu 103, Triq Gnien id-Dwieli, Zebbiegh limiti ta' Mgarr, proprjeta' tal-attur David Bugeja u wzata mill-genituri tieghu Paolo u Suzanne mizzewgin Bugeja, l-atturi l-ohra, u

Peress illi, waqt l-izvilupp, fit-tlettax (13) ta' Frar, 2004, intlahqet filata tal-faccata li fiha qeghdin jinfethu aperturi, (gallerijiet u twieqi), li jaghtu ghal fuq il-proprjeta' limitrofa fuq imsemmlja, u

Peress illi ix-xoghol fl-aperturi qieghed isir minghajr il-kunsens tal-atturi, u

Peress illi l-izvilupp tas-sit tal-konvenuti, minhabba l-ftuh tal-aperturi f'din il-faccata, inaqqas mid-dgawdija shiha tad-drittijiet tal-atturi fuq il-proprjeta' f’103, Triq Gnien id-Dwieli, fuq imsemmija, u

Peress illi l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxu spoll vjolent u klandestin fir-rispett tal-atturi, u

Peress illi l-atturi ga hadu passi kontra l-konvenuti ghal din l-azzjoni taghhom u sallum huma ghadhom ma nehhewx l-aperturi mibdijin,

Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:-

1. Tiddikjara illi huma flimkien u in solidum responsabbli ta' spoll vjolent u klandestin b'dannu ta' l-istess atturi;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti flimkien u in solidum jaghlqu l-aperturi li huma ga qeghdin jifthu fil-process ta' kostruzzjoni minnhom miftuha fi zimien qasir u perentorju

li jigi lilhom impost, taht id-direzzjoni ta' perit li jigi nominat; u, f'kaz, li jkun ghadda inutilment dan iz-zmien;

3. Tawtorizza lill-atturi jghalqu l-istess aperturi a spejjez tal-konvenuti u taht id-direzzjoni ta' perit hekk nominat;

B'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-1 ta' Marzu, 2004 u dawk tal-mandat ta' inibizzjoni prezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, kontra l-konvenuti, ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Cars Limited (CI3622), Emarit Developments Limited (C27902), Educational Enterprises Limited (CI6015), Trio Investments Ltd (C30451) a fol. 29 tal-process fejn eccepew:

1 Preliminarjament illi l-atturi ma ghandhomx il-pussess jew id-detenzjoni tal-art minnhom reklamata;

2 Preliminarjament illi l-attur Paolo u Suzanne mizzewgin Bugeja ma ghandhomx interess f'din il-kawza;

3 Bla pregudizzju u addizzjonalment ghas-suespost li l-eccipjenti ma wettqu l-ebda att ta' spoll fil-konfront tal-atturi u fi kwalsiasi kaz li l-atturi ma soffrew l-ebda spoll;

4 Bla pregudizzju ghas-suespost illi l-konvenuti bdew jaghtu esekuzzjoni ghal xogholijiet fuq il-proprjeta' taghhom skond permessi tal-awtorita tal-ippjanar validament mahruga u li kienu disponibbli ghall-atturi;

5 Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

6 Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet ix-xhieda ta' l-atturi u l-perit Borg Costanzi;

Semghet l-avukati tal-partijiet;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Rat il-verbal ta’ 20 ta’ Frar, 2005;

Stante li t-twieqi nghalqu fil-mori tal-kawza;

Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-mertu li gie ezawrit;

Tiddeciedi billi tilqa t-talba ta’ l-attur ghall-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------